# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI BOT

ippreżentati fl-20 ta' Novembru 2008 [1]

1. Permezz ta' dan ir-rikors, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi ssottomettiet lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) proposta dwar il-kontroll tal-konformità tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet mar-rekwiżiti tal-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar tal-1974 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni SOLAS") u tal-Kodiċi Internazzjonali ta' Sigurtà għall-Bastimenti u għall-Faċilitajiet tal-Portijiet (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ISPS") [2], ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 10 KE, 71 KE u 80(2) KE.

2. Permezz tal-proposta tagħha, ir-Repubblika Ellenika ssottomettiet lill-Kumitat tas-Sigurtà Marittima tal-IMO listi ta' verifika ("check lists") u strumenti oħra li dehrilha li kienu adatti biex jgħinu lill-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni SOLAS fl-operazzjonijiet tagħhom ta' kontroll tal-konformità tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet mar-rekwiżiti li jinsabu f'din il-konvenzjoni u fil-Kodiċi ISPS.

3. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, billi aġixxiet individwalment f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità Ewropea, u b'hekk ippreġudikat il-prinċipju ta' unità tar-rappreżentanza esterna ta' din tal-aħħar, ir-Repubblika Ellenika kisret id-dritt Komunitarju.

4. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega r-raġunijiet għaliex fil-fehma tiegħi dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa fondat.

## I — Il-kuntest ġuridiku

5. Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-[faċilitajiet tal-] portijiet [3], intitolat "Għanijiet":

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Proposta tat-18 ta' Marzu 2005 (MSC 80/5/11).

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8 p. 74 — 159.

"1. L-għan prinċipali ta' dan ir-Regolament huwa li jintroduċI u jimplimenta miżuri Komunitarji sabiex ikun hemm titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti użati f'kummerċ internazzjonali u fit-tbaħħir domestiku, u wkoll fil-faċilitajiet fil-portijiet, quddiem it-theddidiet minn atti [i]llegali intenzjonati.

2. Dan ir-Regolament huwa wkoll intiż sabiex jipprovdi bażi għall-interpretazzjoni [u] implimentazzjoni [armonizzati] u l-evalwazzjoni [l-kontroll] komuni, minn naħa tal-Komunità, tal-miżuri speċjali għal titjib fis-sigurtà fuq il-baħar hekk kif adottati mill-Konferenza Diplomatika tal-IMO fit-12 ta' Diċembru 2002, li emendat il-[Konvenzjoni SOLAS] u li stabbilixxiet il-[Kodiċi ISPS]."

6. L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 725/2004, intitolat "Implimentazzjoni u ċċek[k]jar [tal-]konformit[à]", huwa fformulat b'dan il-mod:

"1. L-Istati Membri għandhom iwettqu x-xogħol ta' amministrazzjoni u kontroll meħtieġ f'konforma għall-forniment [b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet] tal-miżuri speċjali biex tiżdied is-sigurta marittima tal-Konvenzjoni SOLAS u tal-Kodiċi ISPS. Huma għandhom jiżguraw li r-riżorsi neċċessarji kollha huma allokati u provduti b'mod effettiv għall-implimentazzjoni tal-forniment [tad-dispożizzjonijiet] ta' dan ir-Regolament.

[...]"

7. L-Anness I tar-Regolament Nru 725/2004 fih it-test tal-emendi li jdaħħlu l-Kapitolu XI-2 ġdid fl-anness tal-Konvenzjoni SOLAS, fil-verżjoni aġġornata tagħha. L-Anness II ta' dan ir-Regolament fih it-test tal-Kodiċi ISPS, fil-verżjoni aġġornata tiegħu.

## II — Il-proċedura prekontenzjuża

8. Billi kkunsidrat li l-proposta nazzjonali ppreżentata fit-18 ta' Marzu 2005 mir-Repubblika Ellenika quddiem il-Kumitat tas-Sigurtà Marittima tal-IMO kienet tidħol f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni fl-10 ta' Mejju 2005 lil dan l-Istat Membru, li dan tal-aħħar irrisponda fis-7 ta' Lulju 2005.

9. Billi ma kinitx sodisfatta b'din ir-risposta, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fid-19 ta' Diċembru 2005, li lilha r-Repubblika Ellenika rrispondiet fil-21 ta' Frar 2006.

10. Billi xorta waħda ma kinitx konvinta bl-argumenti invokati mir-Repubblika Ellenika, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dan ir-rikors.

## III — Ir-rikors

11. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi ssottomettiet lill-IMO proposta dwar il-kontroll tal-konformità tal-bastimenti u tal-faċilitjiet tal-portijiet mar-rekwiżiti tal-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni SOLAS u tal-Kodiċi ISPS, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 10 KE, 71 KE u 80(2) KE, u

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

12. Ir-Repubblika Ellenika talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

13. B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Awwissu 2007, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ġie awtorizzat jintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Ellenika.

## IV — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

14. Filwaqt li tibbaża ruħha fuq il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa "AETR" [4], il-Kummissjoni ssostni li, wara l-adozzjoni tar-Regolament Nru 725/2004, li jintegra fid-dritt Komuni-

4 — 22/70, Ġabra p. 263.

tarju l-Kapitolu XI-2 tal-anness tal-Konvenzjoni SOLAS u l-Kodiċi ISPS, il-Komunità għandha kompetenza esklużiva biex tassumi obbligi internazzjonali fil-qasam kopert minn dan ir-regolament. Minn dan isegwi, fl-opinjoni tagħha, li l-Komunità hija esklużivament kompetenti biex tiżgura l-applikazzjoni tajba fuq livell Komunitarju u biex tiddiskuti, flimkien ma' membri oħra tal-IMO, l-implementazzjoni korretta u l-iżvilupp ulterjuri tar-regoli li jinsabu fil-Konvenzjoni SOLAS u fil-Kodiċi ISPS. L-Istati Membri għalhekk ma għadx għandhom kompetenza biex jippreżentaw pożizzjonijiet nazzjonali lill-IMO dwar suġġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità, ħlief jekk ikunu ġew awtorizzati espressament biex jagħmlu dan minn din tal-aħħar.

15. Ir-Repubblika Ellenika tiddefendi ruħha billi tinvoka l-argumenti li ġejjin.

16. Fl-ewwel lok, hija tikkunsidra li hija kkonformat ruħha mal-obbligu tagħha ta' kollaborazzjoni leali skont l-Artikolu 10 KE billi fl-1 ta' Marzu 2005 ippreżentat il-proposta inkwistjoni lill-Kumitat Marsec, li huwa previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 725/2004, sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiġi diskussa matul il-laqgħa tal-14 ta' Marzu 2005 ta' dan il-kumitat u sabiex minnha tkun tista' tiġi stabbilita pożizzjoni Komunitarja. Ir-Repubblika Ellenika tirrileva li l-Kummissjoni, li aġixxiet permezz tar-rappreżentant tagħha li jippresjedi l-Kumitat Marsec, madankollu ma niżlitx din il-proposta fl-aġenda tal-laqgħa hawn fuq imsemmija. Minn dan hija ddeduċiet li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligu tagħha ta' kollaborazzjoni leali skont l-Artikolu 10 KE.

17. Fit-tieni lok, ir-Repubblika Ellenika tirrimarka li l-preżentazzjoni tal-proposta tagħha lill-IMO hija att li twettaq fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tagħha fi ħdan l-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni. Fil-fehma tagħha, il-parteċipazzjoni attiva fi ħdan organizzazzjoni internazzjonali fil-kwalità tagħha ta' membru ma jammontax għall-assunzjoni ta' impenji internazzjonali, u hija biss din l-aħħar ipoteżi li hija koperta mill-ġurisprudenza li tirriżulta mill-kawża AETR, iċċitata iktar 'il fuq. Il-preżentazzjoni tal-proposta Griega għalhekk ma tippreġudikax il-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

18. Fit-tielet lok, il-kwistjoni tar-redazzjoni u tal-preżentazzjoni ta' proposti lill-IMO hija rregolata minn gentlemen's agreement adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-1993. Dan il-gentlemen's agreement jippermetti lill-Istati Membri jippreżentaw proposti lill-IMO mhux biss kollettivament, iżda wkoll individwalment, meta ma tkunx teżisti pożizzjoni Komunitarja dwar il-kwistjoni kkonċernata.

19. Fir-raba' lok, ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li, fil-każ fejn, bħal f'din il-kawża, pożizzjoni Komunitarja ma tkunx intlaħqet, il-protezzjoni tal-interess Komunitarju huwa

żgurat permezz tal-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri fi ħdan l-IMO, u mhux b'obbligu ta' astensjoni. Kwalunkwe obbligu ta' parteċipazzjoni passiva, li fil-prattika jikkonsisti f'astensjoni matul il-proċeduri ta' tħejjija ta' regoli tal-IMO, iwassal għar-restrizzjoni, għat-tnaqqis tal-valur u, finalment, għat-telf tal-istatus ta' membru ta' din l-organizzazzjoni. Barra minn hekk, fil-każ fejn, bħal f'din il-kawża, il-Komunità ma jkollhiex l-istatus ta' membru tal-IMO, obbligu ta' astensjoni ma jiżgurax, *a fortiori,* il-protezzjoni tal-interess Komunitarju, preċiżament għaliex l-astensjoni tal-Istati Membri matul il-proċeduri ta' tħejjija tal-leġiżlazzjoni ma tippermettix li dan l-interess jiġi difiż, ħaġa li tivvantaġġja lill-Istati terzi.

20. Fil-ħames lok, ir-Repubblika Ellenika tirrileva li r-Regolament Nru 725/2004 stess, fl-Artikolu 9(1) tiegħu, jagħti lill-Istati Membri l-kompetenza esklużiva li jimplementaw, bil-kundizzjonijiet previsti minnhom stess, ir-rekwiżiti ta' sigurtà stabbiliti b'dan ir-regolament u bbażati fuq l-emendi tal-Konvenzjoni SOLAS u tal-Kodiċi ISPS. Kemm il-formulazzjoni kif ukoll il-kontenut tal-proposta inkwistjoni huma konformi mal-ispirtu tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, li tħalli lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni wiesa' biex jiżviluppaw l-aħjar prassi dwar kwistjonijiet tekniċi.

21. Fis-sitt lok, mis-seduta jirriżulta li, skont ir-Repubblika Ellenika, l-Artikolu 307 KE jikkonferma li l-argumenti tagħha huma fondati.

22. Min-naħa tiegħu, ir-Renju Unit iqajjem tliet argumenti speċifiċi. Huwa jsostni li l-kompetenza esklużiva tal-Komunità fil-qasam tas-sigurtà marittima hija limitata għall-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 725/2004 u tad-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet [5]. Ir-Renju Unit jirrileva wkoll li d-dmir ta' kooperazzjoni previst fl-Artikolu 10 KE ma jinkludix l-obbligu għall-Istati Membri li jiffaċilitaw l-adeżjoni tal-Komunità mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari meta, bħal fir-rigward tal-IMO, organizzazzjoni internazzjonali ma tkunx awtorizzata, skont l-att kostituttiv tagħha, li ddaħħal bħala partijiet entitajiet bħall-Komunità. Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit huwa tal-fehma li l-Kummissjoni kien imissha pprovat tippreżenta l-proposta Griega fi ħdan il-Kumitat Marsec u tippermetti dibattitu dwar dan is-suġġett, bil-għan li taqdi d-dmir tagħha ta' kooperazzjoni leali skont l-Artikolu 10 KE.

## V — Evalwazzjoni

23. Fl-ewwel lok għandhom jiġu mfakkra l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza AETR, iċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tal-ġurisprudenza sussegwenti, għal dak li jirrigwarda, minn naħa, l-eżistenza ta' kompetenza esterna impliċita u, min-naħa l-oħra, in-natura esklużiva ta' din il-kompetenza.

5 — ĠU L 310, p. 28.

24. Fil-punti 16 sa 18 u 22 tas-sentenza tagħha AETR, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kompetenza tal-Komunità sabiex tikkonkludi ftehim internazzjonali ma tirriżultax biss minn attribuzzjoni espliċita tat-Trattat KE, iżda tista' toħroġ ukoll minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat u minn atti adottati, fil-kuntest ta' dawn id-dispożizzjonijiet, mill-istituzzjonijiet tal-Komunità. B'mod partikolari, kull darba li l-Komunità, għall-implementazzjoni ta' politika komuni prevista fit-Trattat, adottat xi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu, taħt kwalunkwe forma, xi regoli komuni, l-Istati Membri ma għandhomx iktar id-dritt, sew jekk jaġixxu individwalment sew jekk kollettivament, li jidħlu għal obbligi, mal-Istati terzi, li jaffettwaw dawn ir-regoli. Fil-fatt, meta u safejn dawn ir-regoli komuni jiġu stabbiliti, il-Komunità biss hija f'pożizzjoni li tassumi u teżegwixxi, b'effett fuq il-qasam ta' applikazzjoni tas-sistema legali Komunitarja kollha, l-impenji addottati fir-rigward ta' Stati terzi. Barra minn hekk, safejn dawn ir-regoli Komunitarji huma adottati sabiex iwettqu l-għanijiet tat-Trattat, l-Istati Membri ma jistgħux, barra mill-kuntest tal-istituzzjonijiet komuni, jassumu obbligi li jistgħu jaffettwaw l-imsemmija regoli jew li jibdlu l-portata tagħhom [6].

25. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, kieku l-Istati Membri kellhom jibqgħu liberi li jidħlu għal obbligi internazzjonali li jaffettwaw ir-regoli komuni, l-għan li jrid jintlaħaq minn dawn ir-regoli, mill-missjoni tal-Komunità u mill-iskopijiet tat-Trattat jiġi kompromess [7].

26. Il-kundizzjonijiet li fihom l-portata tar-regoli komuni tista' tiġi affettwata jew mibdula minn impenji internazzjonali meħuda mill-Istati Membri u, għalhekk, il-kundizzjonijiet li fihom il-Komunità tikseb kompetenza esterna esklużiva permezz tal-eżerċizzju tal-kompetenza interna tagħha ġew sintetizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha magħrufa bħala "Sema miftuħ" [8], u sussegwentement ġew imfakkra minnha fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-2 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu u tal-14 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja.

27. Dan huwa l-każ meta l-obbligi internazzjonali jaqgħu taħt il-qasam ta' applikazzjoni tar-regoli komuni jew, fi kwalunkwe każ, taħt qasam diġà kopert fil-parti l-kbira minn tali regoli, u dan saħansitra jekk ma teżisti l-ebda kontradizzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-imsemmija obbligi [9].

6 — Ara wkoll is-sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-266/03, Ġabra p. I-4805, punt 40), u tal-14 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-433/03, Ġabra p. I-6985, punt 42).

7 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (punt 41) u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (punt 43).

8 — Sentenzi tal-5 ta' Novembru 2002, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-466/98, Ġabra p. I-9427); Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-467/98, Ġabra p. I-9519); Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-468/98, Ġabra p. I-9575); Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-469/98, Ġabra p. I-9627); Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-471/98, Ġabra p. I-9681); Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-472/98, Ġabra p. I-9741); Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-475/98, Ġabra p. I-9797), u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-476/98, Ġabra p. I-9855).

9 — Ara b'mod partikolari s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

28. Huwa għalhekk li, meta fl-atti leġiżlattivi interni tagħha l-Komunità tkun inkludiet klawżoli relatati mat-trattament li għandu jiġi rriżervat għaċ-ċittadini ta' Stati terzi jew meta hija tkun espressament ikkonferiet lill-istituzzjonijiet tagħha kompetenza biex jinnegozjaw mal-Istati terzi, hija tikseb kompetenza esterna esklużiva sa fejn l-oqsma huma koperti minn dawn l-atti [10].

29. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan japplika wkoll, anki fin-nuqqas ta' klawżola espressa li tawtorizza lill-istituzzjonijiet tagħha jinnegozjaw ma' Stati terzi, meta l-Komunità tkun wettqet armonizzazzjoni kompleta f'qasam partikolari, minħabba li r-regoli komuni hekk adottati jistgħu jkunu affettwati fis-sens tas-sentenza AETR, iċċitata iktar 'il fuq, jekk l-Istati Membri jikkonservaw libertà li jinnegozjaw mal-Istati terzi [11].

30. Jidhirli li dawn l-elementi derivati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom iwassluha biex tiddikjara li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa fondat.

31. Fil-fatt, jiena tal-opinjoni li, billi ssottomettiet lill-Kumitat tas-Sigurtà Marittima tal-IMO listi ta' verifika ("check lists") u strumenti oħrajn li dehrilha li kienu adatti biex jgħinu lill-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni SOLAS fl-operazzjonijiet tagħhom ta' kontroll tal-konformità tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet mar-rekwiżiti li jinsabu f'din il-konvenzjoni u fil-Kodiċi ISPS, ir-Repubblika Ellenika intervjeniet f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità. Dan il-qasam jirrigwarda t-titjib tas-sigurtà tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet u huwa ddelimitat speċifikament mir-Regolament Nru 725/2004.

32. Billi adotta dan ir-regolament fuq il-bażi tal-Artikolu 80(2) KE, il-leġiżlatur Komunitarju ried li l-għan li "[i]s-sigurtà tat-trasport bil-baħar fi ħdan il-Komunità [...] u taċ-ċittadini li jużawh, u ta' l-ambjent, għandha tiġi żgurata il-ħin kollu, quddiem it-theddidiet ta' atti [i]llegali intenzjonati, bħal atti ta' terroriżmu, atti ta' piraterija jew l-istess bħalhom" [12] ikun suġġett għal regoli komuni fuq livell Komunitarju, u dan fil-kuntest ta' dik il-parti tal-politika komuni tat-trasport relatata man-navigazzjoni marittima.

33. Kif indikat fil-ħames premessa tar-Regolament Nru 725/2004, dan l-għan ta' sigurtà "għandu jintlaħaq jekk jiġu adottati miżuri xierqa fil-qasam tal-politika dwar it-trasport marittimu, u li jistabbilixxu *livelli [standards]*

10 — *Ibidem* (punt 46).
11 — *Ibidem* (punt 47).
12 — It-tieni premessa tar-Regolament Nru 725/2004.

*konġunti* fuq l-interpretazzjoni, *l-implimentazzjoni, u l-evalwazzjoni [l-kontroll]* [13], fi ħdan il-Komunità, tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Konferenza Diplomatika tal-IMO fit-12 ta' Diċembru 2002", jiġifieri l-miżuri speċjali biex tissaħħaħ is-sigurtà marittima tal-Konvenzjoni SOLAS u tal-Kodiċi ISPS. L-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament jipprovdi, f'din il-perspettiva, li dan ir-regolament huwa intiż sabiex "jipprovdi bażi għall-interpretazzjoni, [u] *implimentazzjoni [armonizzati]* u *l-evalwazzjoni komuni [il-kontroll], minn naħa tal-Komunità* [14] [ta' dawn il-] miżuri speċjali".

34. Minħabba li l-Komunità teżerċita l-kompetenza interna tagħha fil-qasam tan-navigazzjoni marittima, u b'mod iktar speċifiku minħabba l-adozzjoni ta' regoli komuni f'dak li jirrigwarda t-titjib tas-sigurtà tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet, din tal-aħħar kisbet, sa dan il-punt, kompetenza esterna ta' natura esklużiva.

35. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, peress li l-Komunità armonizzat il-kundizzjonijiet għall-interpretazzjoni, għall-implementazzjoni u għall-kontroll tal-miżuri speċjali adottati taħt l-awspiċji tal-IMO u integrati fir-Regolament Nru 725/2004, ir-regoli komuni previsti f'dan ir-regolament jistgħu jiġu affettwati jekk Stat Membru jżomm il-possibbiltà li jipproponi, fuq bażi individwali, li l-IMO tadotta regoli ġodda dwar l-implementazzjoni u l-kontroll tar-rekwiżiti li jinsabu fil-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni SOLAS u fil-Kodiċi ISPS.

36. B'mod iktar speċifiku, il-fatt li tiġi sottomessa proposta lill-IMO bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża jagħti bidu għal proċess li jista' jwassal għall-adozzjoni minn din l-organizzazzjoni internazzjonali ta' regoli ġodda fil-qasam tal-implementazzjoni u tal-kontroll tar-regoli li jinsabu fil-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni SOLAS u fil-Kodiċi ISPS. Dawn ir-regoli ġodda jistgħu, bħala konsegwenza indiretta, ikollhom impatt fuq ir-Regolament Nru 725/2004, preċiżament għaliex dan jinkorpora l-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni SOLAS u l-Kodiċi ISPS fid-dritt Komunitarju u jarmonizza, fuq livell Komunitarju, l-implementazzjoni u l-kontroll ta' dawn il-miżuri.

37. Minn dan isegwi li, fil-qasam kopert mir-Regolament Nru 725/2004, l-Istati Membri ma għadx għandhom kompetenza biex jaġixxu fuq bażi individwali fuq livell internazzjonali, billi jassumu obbligi ġodda jew billi jipproponu emendi għar-regoli eżistenti jew żidiet magħhom. Peress li għażlu, bl-adozzjoni ta' dan ir-regolament, li jiddefinixxu regoli komuni fuq livell Komunitarju, l-Istati Membri ma jistgħux jingħataw il-possibbiltà li jimmodifikaw, imqar indirettament, il-portata tagħhom, ħlief jekk dak il-pass ikun jirriżulta mir-rieda Komunitarja.

13 — Il-korsiv huwa tiegħi.
14 — *Idem.*

38. Aġir minn Stat bħal dak ikkontestat mill-Kummissjoni f'din il-kawża jidher ukoll, fil-fehma tiegħi, li jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 10 KE. Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li dan l-artikolu jimponi fuq l-Istati Membri li jiffaċilitaw it-twettiq tal-missjoni tal-Komunità u li jastjenu milli jieħdu kull miżura li tista' tipperikola t-twettiq tal-għanijiet tat-Trattat [15]. Għandu jitfakkar ukoll li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-obbligu ta' kooperazzjoni leali huwa ta' applikazzjoni ġenerali u la jiddependi min-natura esklużiva jew le tal-kompetenza Komunitarja kkonċernata u lanqas mill-eventwali dritt, għall-Istati Membri, li jikkuntrattaw obbligi fil-konfront ta' Stati terzi [16].

39. F'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, jidhirli li Stat Membru għandu obbligu ta' astensjoni, li jista' jitneħħa biss fil-każ ta' azzjoni miftiehma deċiża fuq livell Komunitarju.

40. Ir-Repubblika Ellenika tikkontesta li naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 10 KE, 71 KE u 80(2) KE. Madankollu, m'inhix konvint mill-argumenti li dan l-Istat Membru invoka bħala difiża.

41. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kritika li saret lill-Kummissjoni fis-sens li hija stess naqset mid-dmir tagħha ta' kooperazzjoni leali billi ma niżżlitx il-proposta Griega fl-aġenda tal-laqgħa tal-Kumitat Marsec tal-14 ta' Marzu 2005, jidhirli, fid-dawl tal-atti fil-proċess, li r-Repubblika Ellenika kienet qed tfittex li tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn bil-proposta nazzjonali tagħha lill-IMO iktar milli tistabbilixxi pożizzjoni Komunitarja dwar dan is-suġġett. Il-presidenza ta' dan il-kumitat għalhekk seta' jikkunsidra li ma kienx opportun li l-imsemmija proposta titniżżel fl-aġenda tal-laqgħa tal-14 ta' Marzu 2005, mingħajr ma dan ir-rifjut jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 10 KE.

42. Barra minn hekk, jirriżulta wkoll mill-osservazzjonijiet imressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Kummissjoni stabbilixxiet miżuri Komunitarji bil-għan speċifiku li tikkoordina l-applikazzjoni tal-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni SOLAS u tal-Kodiċi ISPS, bil-għan li tippreżenta pożizzjoni Komunitarja fit-80 sessjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima tal-IMO. Għaldaqstant, fis-27 ta' April 2005, il-Kummissjoni ssottomettiet lill-Kunsill dokument ta' ħidma intitolat "IMO — European Community position to be adopted by the Council on maritime issues for the 80th session of the Maritime Safety Committee (MSC 80) meeting in London from 11 to 20 May 2005" [17]. Dan id-dokument ġie eżaminat minn grupp ta' esperti msejjaħ mill-presidenza fid-29 ta' April 2005 u ġie kkonfermat mill-grupp ta' ħidma għall-affarijiet marittimi fi ħdan il-Kunsill fit-3 ta' Mejju 2005 [18]. B'mod parallel, jirriżulta mill-proċess li r-Repubblika Ellenika ġiet mistiedna mill-Kummissjoni, f'diversi okkażjonijiet, tirtira l-proposta nazz-

15 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 63), u tal-24 ta' April 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi (C-523/04, Ġabra p. I-3267, punt 74).

16 — Sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — SEC(2005) 586.

18 — Ara l-annessi 2 u 3 tar-replika tal-Kummissjoni.

jonali tagħha ppreżentata fit-18 ta' Marzu 2005 quddiem l-IMO, iżda mingħajr suċċess. In-nuqqas ta' riferiment għal din il-proposta fid-dokument li jesprimi l-pożizzjoni Komunitarja jista' jitqies li huwa r-riżultat ta' din l-attitudni tar-Repubblika Ellenika.

43. F'dan il-kuntest, jidhirli li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li naqset mid-dmir tagħha li tippromwovi koordinazzjoni fuq livell Komunitarju.

44. Barra minn hekk, naqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li tgħid li, billi s-sistema ġuridika Komunitarja mhijiex ibbażata fuq il-prinċipju ta' reċiproċità, jekk ikun hemm ksur minn din l-istituzzjoni tad-dmir ta' kooperazzjoni leali impost fuqha mill-Artikolu 10 KE, dan fl-ebda każ ma jista' jippermetti lil Stat Membru jiġġustifika l-ksur tad-dritt Komunitarju min-naħa tiegħu, f'dan il-każ ksur tal-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità.

45. Fit-tieni lok, ma jidhirlix, għall-kuntrarju tar-Repubblika Ellenika, li l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza AETR, iċċitata iktar 'il fuq, tista' tkun limitata għal każijiet fejn Stat Membru jkun kiser il-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità billi jkun assuma impenn internazzjonali. Ir-raġunament żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-kawżi li tressqu quddiemha jikkonsisti f'li jiġi evitat li l-Istati Membri, b'mod individwali jew kollettiv, jidħlu f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità. Dan huwa l-każ meta intervent minn Stat ikun jista' jaffettwa regoli komuni jew ibiddel il-portata tagħhom. Kif indikajt iktar 'il fuq, aġir bħal dak tar-Repubblika Ellenika quddiem l-IMO jagħtu bidu għal proċess li jista' jwassal għall-adozzjoni minn din l-organizzazzjoni internazzjonali ta' regoli ġodda, li jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti.

46. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument li jallega li gentlemen's agreement adottat mill-Kunsill fl-1993 jippermetti lill-Istati Membri jippreżentaw proposti lill-IMO mhux biss kollettivament, iżda wkoll individwalment, meta ma tkunx teżisti pożizzjoni komuni, huwa diffiċli li dan l-att jingħata l-portata ġuridika li tixtieq tagħtih ir-Repubblika Ellenika. Jirriżulta, fil-fatt, mill-osservazzjonijiet imressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Kummissjoni li dan il-"gentlemen's agreement" huwa dikjarazzjoni li saret minn din l-istituzzjoni u li ġiet ivverbalizzata fil-minuti li ħa l-Kunsill matul il-laqgħa tal-grupp ta' ħidma dwar it-trasport tal-14 ta' Diċembru 1993. Dan għalhekk jikkonsisti f'att mhux vinkolanti li, barra minn hekk, ma jistax jiġi ekwiparat ma' ftehim interistituzzjonali. Barra minn hekk, il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni, bl-istess mod bħas-siltiet l-oħrajn mill-minuti ta' laqgħat iċċitati fid-dokumenti ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, pjuttost jikkonferma l-argument tal-Kummissjoni, li jiena naqbel miegħu, u li jista' jiġi ssintetizzat kif ġej: il-kompetenza esklużiva tal-Komunità

ma tipprekludix il-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri fi ħdan l-IMO, kemm-il darba l-pożizzjonijiet meħuda minn dawn tal-aħħar fi ħdan din l-organizzazzjoni internazzjonali jkunu ġew ikkoordinati fuq livell Komunitarju minn qabel.

47. Fir-raba' lok, il-fatt li l-Komunità mhijiex membru tal-IMO ma jippermettix, fil-fehma tiegħi, lill-Istati Membri li jissottomettu lil din l-organizzazzjoni internazzjonali proposti nazzjonali f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità. F'dan ir-rigward, naqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi li, jekk organizzazzjoni internazzjonali ma tippermettilhiex taġixxi bħala rappreżentanta regolari tal-Komunità f'qasam ta' kompetenza Komunitarja esklużiva, tali kompetenza tista' tiġi eżerċitata permezz tal-Istati Membri li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Komunità u b'awtorizzazzjoni minn din tal-aħħar [19]. Pożizzjoni Komunitarja, bħal dik li semmejt fil-kunsiderazzjonijiet preċedenti, tista' għalhekk tiġi espressa quddiem organizzazzjoni internazzjonali li tagħha l-Komunità ma tkunx membru. In-neċessità ta' tali pożizzjoni hija mfakkra wkoll mil-leġiżlatur Komunitarju fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament Nru 725/2004 li jipprovdi li, "[g]ħall-għan ta' dan ir-Regolament u b'ħarsa biex [għall-finijiet li] jitnaqqsu riskji ta' konflitti bejn il-legislazzjoni ta' Kommunita marittima [il-leġiżlazzjoni marittima tal-Komunità] u strumenti internazzjonali, l-Stati Membri u l-Kommissjoni għandhom jikooperaw, peres [permezz] ta' laqgħat ta' koordinazzjoni u/jew mezzi oħra adattati, biex jiġi definit, kif xieraq, pożizzjoni komuni jew avviċinament [approċċ komuni] fil-kompetenza tal-fora internazzjonali [fil-fora internazzjonali kompetenti]".

48. Fil-ħames lok, ma naqbilx mal-argument li jiddeduċi mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 725/2004 l-konsegwenza li l-kompetenza esklużiva tal-Komunità ma testendix għall-implementazzjoni mill-Istati Membri tar-rekwiżiti li jinsabu fil-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni SOLAS u fil-Kodiċi ISPS, kif ġew integrati f'dan ir-regolament.

49. Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni u għall-kontroll tal-miżuri speċjali biex tissaħħaħ is-sigurtà marittima adottati mill-Konferenza Diplomatika tal-IMO fit-12 ta' Diċembru 2002 tikkostitwixxi, preċiżament, skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 725/2004, wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, l-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament jikkostitwixxi dispożizzjoni klassika f'dan it-tip ta' regolament li teżiġi, għall-applikazzjoni tagħha, l-użu tal-istrutturi amministrattivi tal-Istati Membri. L-applikazzjoni deċentralizzata tad-dritt Komunitarju ma tistax, fil-fehma tiegħi, ikollha l-konsegwenza li tagħti lill-Istati Membri, f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità, kompetenza

19 — Ara, f'dan is-sens, l-opinjoni 2/91, tad-19 ta' Marzu 1993 (Ġabra p. I-1061, punt 5).

biex jiżviluppaw regoli ta' kontroll armonizzati fuq livell internazzjonali, li, skont ir-Regolament Nru 725/2004, iridu l-ewwel jiġu miftiehma fuq livell Komunitarju.

50. Fis-sitt u l-aħħar lok, jidhirli li l-argument ibbażat fuq l-Artikolu 307 KE huwa irrilevanti. Fil-fatt, dan il-każ ma jirrigwardax it-tqegħid inkwistjoni tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn konvenzjoni konkluża qabel id-data tal-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika mal-Komunità Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-rikors mhuwiex intiż li jimpedixxi lil dan l-Istat Membru milli jipparteċipa fil-ħidma tal-IMO bħala membru attiv ta' din l-organizzazzjoni. L-għan tiegħu huwa sempliċement li jindika lir-Repubblika Ellenika li, f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Komunità, il-parteċipazzjoni tagħha fl-IMO ma tistax tevita r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-adozzjoni, fuq livell Komunitarju, ta' regoli komuni għall-Istati Membri.

## VI — Konklużjoni

51. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tikkonstata li, billi ssottomettiet lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali proposta dwar il-kontroll tal-konformità tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet mar-rekwiżiti tal-Kapitolu XI-2 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar tal-1974 u tal-Kodiċi Internazzjonali ta' Sigurtà għall-Bastimenti u għall-Faċilitajiet tal-Portijiet, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 10 KE, 71 KE u 80(2) KE, kif ukoll taħt ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-[faċilitajiet tal-]portijiet;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż, u tordna lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ibati l-ispejjeż tiegħu.